# Pawlu Buttiġieġ ("Is-Sur Pawl")

minn George Azzopardi B.A. M.A.

Pawlu Buttiġieġ jew, kif kien magħruf ma' kull min kien jafu, s-Sur Pawl, kien bniedem li ħabb lir-raħal ta' Sannat fejn trabba w għex. Bin Pawlu Buttiġieġ u Ġużeppa nee' Borġ, huwa twieled f'Ta' Sannat nhar it-2 t'April 1874 u ġie mgħammed fl-istess ġurnata mill-Arċipriet ta' Sannat Dun Gio-Andrea Vella fil-knisja parrokkjali ta' Sannat stess. Il-parrini tiegħu kienu Felic Muscat u Maria, bint Pawlu Galea, u ngħata l-ismijiet ta' Pawlu, Ġużepp, u Feliċ(1). Huwa kien joqgħod f'nru 96 fl-aħħar sqaq (magħruf bħala "s-sqaq tal-Venun", iżda iktar bħala "s-sqaq tas-Sur Pawl") fil-parti ta' fuq ta' Triq Ta' Ċenċ.

Il-mestjier tiegħu kien propja dak ta' sajjied u kellu luzzu tajjeb ħafna għal dan ix-xogħol izda kien jinqala' wkoll fix-xogħol tal-ġebel u, għaldaqstant, kien imidd idejħ sewwa f'dan ix-xogħol ukoll. Kien anke saħansitra jgħin fix-xogħol tal-injam lill-Arċipriet Dun Ġuzepp Cassar (1926 1950) meta, fost affarijiet oħra, dan tal-aħħar kien jaħdem b'idejh l-armar ta' barra għall-festa ta' Santa Margerita. Għax kien ġeneruz (kif ser naraw f'dan l-artiklu), l-Bambin ipprovdielu wkoll. Jingħad li darba, waqt li kien għas-sajd fuq il-baħar, is-Sur Pawl iltaqa' ma' bosta xkejjer mimlijin qoton maħlug jgħumu f'wiċċ l-ilma. Kienu fuq vapur li kien għereq izda, minħabba l-ħeffa tagħhom, kienu baqgħu f'wiċċ l-ilma. Pawlu ġabar dan il-qoton, nixxfu, u biegħu. F'dak iż-żmien meta kien hawn suq tajjeb għall-qoton, dan il-prodott kien iġib il-flus.



Pawlu Buttiġieġ ( "Is-Sur Pawl")

## Il-bini taċ-ċimiterju u taċ-ċirklu tal-Azzjoni Kattolika

Bosta huma x-xogħlijiet fejn is-Sur Pawl wera' l-ġenerożita' tiegħu, partikolarment fi żmien l-Arċipriet Dun Ġużepp Cassar (1926 1950). Waqt li l-kumplament taċ-ċimiterju bil-kappella tiegħu (qabel it-tkabbir riċenti) kienu nbnew minn mgħallem mix-Xewkija mgħejjun minn uliedu wara li dan kien ħa dan ix-xogħol bl-imqieta (i.e. bl-offerta), is-Sur Pawl kien bena mingħajr ħlas il-faċċata tal-istess ċimiterju. F'dan ix-xogħol, Pawlu kien mgħejjun minn uliedu Guzepp, Mikieli, w Espeditu. Dan kien fl-1934, meta kien ġie mibni ċ-ċimiterju tal-parroċċa. Fl-1934 ukoll, l-Arcipriet Cassar beda jirranġa dar, li kienet proprjeta' tal-knisja, f'ċirklu tal-Azzjoni Kattolika. Pawlu kien bena' s-sular ta' fuq (għax is-sular t'isfel kien diġa' hemm) ta' dan ic-cirklu: dak li llum huwa centru għaż-żagħżagh fi Triq Dun Xand Aquilina, wara s-sagristija tal-knisja parrokkjali.

## Il-miġja tal-qniepen

Meta fl-1932 nġab għall-knisja parrokkjali ta' Sannat is-sett ta' qniepen tad-ditta "Baricozzi" ta' Milan, Vitor Vella ("tal-Qanfuda") mir-Rabat t'Għawdex kien l-imgħallem inkarigat li tellagħhom fil-kampnari. Guzepp Sciberras ("ta' Xalogu") minn Ta' Sannat u li kien surġent mal-RMA (*Royal Malta Artillery*) stazzjonat f'Sant'Iermu, fil-belt Valletta, kien ġab minn Malta, mingħand il-militar, l-apparat meħtieg għat-tlugħ tal-qniepen, bħal ħbula, tarjoli, ecc. Karmnu Grima ("tas-Soru"), minn Ta' Sannat ukoll, kien tella' dan l-apparat mill-port tal-Imġarr għal Ta' Sannat bil-bagħal tiegħu. Is-Sur Pawl ukoll kien ta sehmu, partikolarment fit-tlugħ tal-qanpiena l-kbira meta, b'kuraġġ u b'ħila, huwa tela' fuqha hija u tittella', biex ikun jista' jaqlagħha 'l barra kull darba li kienet tkun ser tmiss mal-ħajt (tal-knisja).

Id-dekorazzjoni u l-pittura fis-saqaf tal-knisja

Meta kienet ser issir id-dekorazzjoni u l-pittura tas-saqaf tal-knisja parrokkjali fl-ewwel snin ta' wara tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija, bejn l-1946 u l-1948, saret ukoll is-sekond' ordni: dik il-gwarnica izgħar li, bħall-gwarnica ewlenija 'l isfel minnha, ddur mal-knisja kollha u li minn fuqha jibda s-saqaf bil-ħnejjiet tiegħu. Din is-sekond' ordni kien ħadimha Karmnu Psaila, minn Ta' Sannat ukoll, filwaqt li kien poġġiha f'postha s-Sur Pawl. Bejn wieħed w ieħor fl-istess żmien, it-twieqi nofs tond li kien hemm fil-kor u fil-kappelluni (tal-knisja parrokkjali) waħda f'kull wieħed minn dawn kienu ġew modifikati mill-imgħallem Vitor Vella ("tal-Qanfuda") li diġa' semmejna iktar qabel u li bidilhom fi twieqi vertikali kif narawhom illum. F'dan ix-xogħol, Vitor kien mgħejjun mill-manwal Guzepp Zerafa minn Ta' Sannat. Ix-xogħol ta' skultura f'dawn l-istess twieqi li naraw illum kien sar minn Guzepp Mercieca mill-Qala. Il-kwadri tal-pittura li naraw fis-saqaf tal-knisja kienu ġew imħallsin minn diversi benefatturi li isimhom jidher fil-parti t'isfel fuq il-kwadri rispettivi. Is-Sur Pawl kien ħallas minn butu l-kwadru li juri l-qtugħ ir-ras ta' Santa Margerita, liema kwadru jinsab fis-saqaf tal-kappellun tal-Lvant (i.e. il-kappellun tal-Kurcifiss). Dan il-kwadru mħallas mis-Sur Pawl kien ġie jiswa 60 lira.



Il-luzzu tas-Sur Pawl fuq ix-xtajta tax-Xlendi. Fil-ġenb tal-pruwa, tidher ix-xbieha ta' Santa Margerita. Fil-ġenb l-ieħor tal-istess pruwa, kien hemm ix-xbieha ta'San Ġorġ (ma tidhrix). Bil-wieqfa fin-nofs (jew it-tielet mix-xellug) ġol-luzzu, jidher il-bennej tal-luzzu Wenzu Vella (Il-Qalfat) mir-Rabat t'Għawdex.

Il-paviment fil-korsija tal-knisja

Is-Sur Pawl kien ta wkoll kontribut finanzjarju kbir meta sar il-paviment tar-rħam fil-korsija tal-knisja parrokkjali fis-sena 1941. Dan l-irham kien inxtara mingħand id-ditta *Bonavia Marble Works* ta' Fleur-de-Lys (Malta). F'dak iz-zmien, minħabba l-gwerra, din id-ditta li semmejna riedet teħles mill-kwantita' ta' rħam li kellha maħżun u, għalhekk, kienet qed tbiegħu bl-irhis. L-irħam fl-art tal-korsija kien, imbagħad, tpogga minn refuġjat tal-gwerra minn Hal Luqa (Malta) li kien qiegħed joqghod ir-Rabat t'Ghawdex. Parti mill-ispejjes ta' dan il-paviment tar-rħam fil-korsija tal-knisja parrokkjali kienu tħallsu mid-dħul wara l-bejgħ lill-knisja parrokkjali ta' Hal Tarxien (Malta) tal-qanpiena l-kbira l-qadima li, għal certu zmien wara li kienu nġabu s-sett tal-qniepen il-ġodda fl-1932, kienet inżammet mal-ġodda f'nofs il-kampnar tan-naħa tal-Punent. Izda parti sostanzjali oħra mill-ispejjes tal-imsemmi paviment kienu ġew imħallsa mis-Sur Pawl kif għadha tfakkar sal-lum l-iskrizzjoni bil-Latin li hemm fl-art fid-daħla tal-bieb prinċipali tal-knisja parrokkjali. Mill-banda l-oħra, l-paviment tar-rħam fil-kappelluni kien diġa' sar iktar żmien qabel.

Il-Ħamiema tal-fidda fl-istatwa titulari

Iżda s-Sur Pawl ma' tax il-kontribut tiegħu f'xogħol strutturali biss. Fil-fatt, Pawlu kien ħallas ukoll minn butu l-ispejjes tal-ħamiema tal-fidda li naraw illum tistrieħ fuq is-salib tal-istatwa titulari ta' Santa Margerita. Qabilha kien hemm ħamiema oħra bajda. Din il-ħamiema tal-fidda li għadna naraw sal-lum kienet inħadmet minn arġentier kunjomu Gatt mill-Birgu (Malta), u kienet ġiet tiswa 5 liri li, kif għidna, kien ħallashom is-Sur Pawl. It-tberfila li naraw mad-dawra tal-istess salib tal-istatwa titulari ta' Santa Margerita, saret fl-istess żmien li fih saret il-ħamiema tal-fidda w aktarx li nħadmet mill-istess arġentier li għadna kif semmejna. Iżda l-ispejjes tagħha (i.e. tat-

tberfila tas-salib) kienu ġew imħallsa minn hu s-Sur Pawl, Pinu Buttiġieġ li kien miżżewweġ u joqgħod ir-Rabat t'Għawdex.

Benefattur ukoll tal-knisja tal-Munxar
Minbarra l-kontribut siewi li huwa ta lill-parroċċa ta' Sannat, is-Sur Pawl ta l-kontribut tiegħu anke lill-knisja tal-Munxar fejn huwa għamel xogħol ta' tkabbir fis-sagristija li hemm mal-istess knisja tal-Munxar. Għall-knisja tal-Munxar, is-Sur Pawl kien ħallas ukoll l-ispejjes tal-pedestall tal-istatwa titulari ta' San Pawl.

Sa fejn huwa magħruf, dawn huma l-kontribuzzjonijiet u l-għemejjel ġeneruzi li wettaq is-Sur Pawl sa meta miet nhar it-3 t'Ottubru 1946, fl-għomor ta' 72 sena. Ġie midfun fiċ-ċimiterju tal-parroċċa ta' Sannat(2). Il-kontribuzzjonijiet u l-għemejjel ġeneruzi tiegħhu għadhom jitgawdew u /jew jiġu utilizzati sal-lum.

Ħlief għar-referenzi 1 u 2, il-kontenut ta' dan l-artiklu huwa bbażat fuq informazzjoni ġentilment mogħtija verbalment minn Monsinjur Dun Karm Xuereb (illum mejjet) li, bħala saċerdot, serva fil-parroċċa ta' Sannat mill-1940 sal-1950 fi żmien meta zijuħ Dun Guzepp Cassar kien Arcipriet tal-istess parroċċa, minn Salvu Mercieca ta' 88 sena minn Ta' Sannat, u minn Guzepp Sciberras ta' 83 sena minn Ta' Sannat ukoll. It-tlieta li huma jiftakru tajjeb lis-Sur Pawl u x-xogħlijiet li semmejna. Ir-ritratt tas-Sur Pawl inniffsu ġie ġentilment misluf min-neputija tieġġu Pawlina Grima.

---

## FOR THE ENGLISH SPEAKING COMMUNITY

Apart from the obvious rise in temperature, the month of July also raises the hum of activity in Sannat as our village festa steadily approaches. This year happens to be the 17th centenary of St Margaretċs martyrdom and so, over the past year, everyone has been doing his utmost to plan and prepare special celebrations befitting our Patron Saint.

Our Band has been practising hard for the various events on its calendar: a concert to commemorate Sannat Day, the recording of a new CD which shall be available shortly and new hymns for the procession on St Margaretċs feast day. Naturally, our Band shall also welcome and accompany the relic of St Margaretċs head which shall be arriving from Montefiascone Italy on the 22nd instant.

During these celebrations the St Margaret Band shall also welcome the debut of three new bandsmen: indeed a significant event in the life of a musical society! We shall also be hoisting a new flag donated by a generous benefactor.

All these activities have been organized alongside other socio-cultural activities which are much looked forward to by the people of Sannat: a Snooker tournament, a high tea and tombola once a month, a New Yearċs Eve Dinner and a Carnival Dinner. Moreover, the decoration of the Bar area at the Band Club is well under way thanks to the services of several volunteers and supporters.

One notes with pleasure that our Band has established itself very well in our community and we are proud to represent Sannat especially when, during summer, we participate in nearly all the village feasts in Gozo. This is indeed encouraging to all those who invest time and energy in our Band.

While thanking you for your continuous support , the Committeeof the St Margaret Band wishes you all an enjoyable feast.